MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Numru 486/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Ramon Cassar**
**vs**
**Charles Sciberras**
**Frankie Pace**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Charles Sciberras ta’ 24 sena, iben Paul u Maria Anna nee’ Cutajar imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Lulju 1975 u residenti  Blk F, Flat 7, Triq il-Peprin, Sta Lucia u detentur tal-karta tal-identita’ numru 324775(M) u l-imputat Frankie Pace ta’ 20 sena bin Lawrence u Mary nee’ Psaila imwieled Pieta fl-4 ta’ Lulju 1979 u residenti 75, Bastion Street, Senglea u detentur tal-karta tal-identita’ numru 319679(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

1. F’dawn il-gzejjer, f’ dawn l-ahhar xhur b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda ;

2. Lil Charles Sciberras u lil Frankie Pace talli nhar it-23 ta’ Mejju 1999, wara nofs inhar, minn Vjal it-Torri fil-Gudja, ikkommettew serq ta’ vettura ta’ l-ghamla ‘Ford Escort’ bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 602, li hija stmata li tiswa aktar minn Lm1000, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ Consiglio Bartolo mill-Gudja.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, u cioe l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 602, li giet mehudha b’ qerq jew akkwistata b’ reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkun indahlu biex ibieghuha jew imexxuha.

4. Lil Frankie Pace wahdu talli nhar is-26 ta’ Mejju 1999, bi nhar , mill-Car Park ta’ l-isptar San Luqa fil-Pieta’ kkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla ‘Mazda MX5’ bin-numru tar-registrazzjoni LAI 736, li hija stmata li tiswa aktar minn Lm1000, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-dannu ta’ Dr. Ferdinand Serracino Inglott mill-Ibragg.

5. Lil Frankie Pace wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe’ il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAI 736, li giet mehudha b’qerq jew akkwistata b’ reat sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkun indahal biex ibieghha jew imexxiha.

6. Lil Charles Sciberras wahdu talli fl-istes dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici fir-reati ta’ serq kif dedott f’ paragrafu (4) billi ta ordni lil haddiehor, u cioe lil Frankie Pace, biex jaghmel dawn id-delitti, billi xewwex lill-istess Frankie Pace inkella sahhah il-volonta tieghu sabiex jaghmel id-delitt jew delitti, jew wieghed li wara l-fatt, jassistih, jieqaf mieghu jew jikkumpensah.

7. Lil Charles Sciberras wahdu talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAI 736 kif ukoll car stereo, speakers u equilizer, liema oggetti jiswew izjed minn Lm1000, li gew mehudha b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li kien indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

8. Lil Charles Sciberras wahdu talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f' lokalitajiet differenti, saq l-imsemmija vetturi, u cioe' Mazda bin-numru tar-registrazzjoni LAI 736 u Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 602, minghajr licenzja tas-sewqan, jew fi zmien li l-imsemmija licenzja kienet sospiza, ghaldaqstant ma kienx kopert b' polza ta' l-assigurazzjoni a riskju ta' terzi persuni.

9. Lil Charles Sciberras u lil Frankie Pace talli huma recidivi b' diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma definittivi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 4 ta' April 2002 (inserita a fol. 327 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htiijiet taht dak li hemm mahsub:-

<u>FIL-KONFRONT TA' CHARLES SCIBERRAS ;</u>

(a) Fl-Artikoli 18, 261 (b) (c) (g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 330, 279 (b), 280, 281, 334, 289, 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

(b) Fl-Artikoli 3 u 22 tal-Kapitolu 104.

<u>FIL-KONFRONT TA' FRANKIE PACE;</u>

(b) Fl-Artikoli 18, 261 (b) (c) (g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 330, 279 (b), 280, 281, 334, 289, 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li fl-udjenza tad-19 ta' April 2002 l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat is-Social Inquiry Reports prezentati fil-konfronti taz-zewg imputati kif ukoll l-update tal-imsemmija rapporti.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-28 ta’ Mejju 1999 il-Pulizija inghatat informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat Frankie Pace kien responsabbli ghal serq ta’ xi vetturi liema vetturi kienu nsterqu fix-xhur ta’ qabel. L-imsemmi Frankie Pace gie arrestat u mitkellem mill-Pulizija u ghall-ewwel cahad li kien involut fis-serq taz-zewg vetturi msemmija fl-akkuzi odjerni izda sussegwentement huwa kkopera mal-Pulizija u ndika li kien involut fis-serq tal-vetturi indikati fl-akkuzi odjerni, indika wkoll li kellu bhala komplici f’wahda mill-imsemmija serqiet lill-ko-akkzuat Charles Sciberras, u qal ukoll li hu u l-imsemmi Charles Sciberras kienu wettqu s-serqa l-ohra. Frankie Pace ha lil Puliziija f’garaxxijiet taht l-art f’Marsascala fejn kien hemm garaxxjati l-imsemmija vetturi misruqa. L-imputat Frankie Pace indika lil Pulizija l-persuna li kienet xtrat dawn il-vetturi. Meta l-Pulizija kellmet lill-imputat Charles Sciberrras dan verbalment ta indikazzjoni li seta kien involut fis-serq tal-vettura LAI 736 tal-ghamla MX5 li nsterqet minn St. Lukes u li kien involut ukoll fis-serq tal-vettura tal-marka Escort u bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 602 izda meta irrilaxxja l-istqarrijiet esebiti a fol. 39 sa 40 huwa innega l-involviment tieghu fis-serq tal-vetturi in kwistjoni izda meta huwa ntalab jiehu l-vettura tieghu d-Depot sabiex issir tfittxija fiha u meta saret tali tfittxija instabu fil-vettura tal-imputat Sciberras stereo u amplifier li kienu fil-vettura Ford Escort AAJ 602 meta din insterqet. Fl-istqarrija minnu rilaxxjata u esebita a fol. 40 l-imputat Charles Sciberras qal lil Pulizija li huwa kien xtara l-istereo minghand Frankie Pace.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Frankie Pace rrilaxxja stqarrija fit-2 ta’ Gunju 1999 (inserita a fol. 34 sa 36 tal-process) fejn stqarr li

huwa kellu l-vizzju tad-droga u qal li huwa xtaq li jeghleb dan il-vizju. Pace spjega li huwa kien sar jaf lil certu George Debono fuq il-post tax-xoghol. Huwa qal ukoll li hu u Charles Sciberras kienu raw il-vann Escort bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 602 parkeggjat bit-tieqa miftuha u bic-cwievet fih u giethom l-ideja li jisirquh. Sciberras dahal fil-vann u saqu sal-vettura tieghu u mbaghad Pace qal li huwa saq il-vann misruq sa Wied il-Ghajn u Sciberras segwih bil-vettura tieghu. Pace spjega li huwa u Sciberras bieghu il-vann li kienu ghadhom kemm serqu lil certu George Debono ghall-prezz ta' Lm130. Dwar is-serq tal-vettura MX 5 bin-numru tar-registrazzjoni LAI 736 Frankie Pace stqarr li huwa u Sciberras kienu qeghdin id-Detox u huwa kien dahal fil-car park tal-Isptar sabiex jara jsibx xi stereo sabiex jisirqu u huwa lemah tieqa miftuha u ra mazz cwievet ta' vettura fuq komodina liema cwievet kellhom il-kelma Mazda fuqhom. Huwa ha c-cwievet bl-intenzjoni li jsib il-vettura u jisraq l-istereo izda meta sab il-vettura u ra li ma kellhiex stereo iddecida li jisraq il-vettura b'kollox izda qabel ma ghamel hekk huwa hareg ifittex lil Charles Sciberras u staqsih jekk ghandhomx jisirqu l-vettura u dan tal-ahhar accetta. L-imputat Frankie Pace kompla jghid li huma kienu cemplu lil George Debono u staqsewh riedx jixtri din il-vettura u dan accetta.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri xehed Emanuel Ciantar (xhieda relattiva inserita a fol 23 sa 235) fejn dan ikkonferma li hu u siehbu George Debono kienu xtraw iz-zewg vetturi indikati fl-akkuzi odjerni minghand iz-zewg imputati li huwa gharaf fl-awla u qal li huma kienu jafu li dawn il-vetturi kienu misruqin fil-mument li huma xtrawhom. Huwa qal li n-negozjati saru minn siehbu George Debono izda qal li kien ghadda Lm10 liz-zewg imputati bhala parti mill-prezz ta' wahda mill-vetturi misruqa ghaliex siehbu Debono ma kellux flus fuqu dak il-hin. Dan ix-xhud qal ukoll li z-zewg vetturi t-tnejn kienu f'kundizzjoni tajba meta gew mibjugha lilhom u ikkonferma li kienu ttiehdu proceduri fil-konfronti tieghu rigward ir-ricettazzjoni ta' dawn il-vetturi liema proceduri kienu gew konkluzi.

George Debono xehed fl-udjenza tat-13 ta’ Awwissu 2001 fejn ikkonferma li huwa kien xtara iz-zewg vetturi msemmija fl-akkuzi odjerni minghand iz-zewg imputati li ddentifka fl-awla u qal li huwa kien jaf li dawn il-vetturi kienu misruqin. Huwa kkonferma li dawn il-vetturi ingabu ghandu f’zewg okkazzjonijiet separati u jiftakar li f’wahda mill-okkazzjonijiet il-vettura misruqa kienet misjuqa mill-imputat Charles Sciberras.  Huwa kkonferma wkoll li l-vetturi kienu f’kundizzjoni tajba meta ngabu ghandu u li l-proceduri mehuda fil-konfronti tieghu fejn huwa kien qed jigi akkuzat b’ricettazjoni kienu gew konkluzi.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati Frankie Pace u Charles Sciberras jinsabu t-tnejn akkuzati bis-serq u r-ricettazzjoni tal-vettura tal-marka Escort bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 602 kif ukoll li rrendew ruhhom recidivi. L-imputat Frankie Pace wahdu jinsab ukoll akkuzat bis-serq u r-ricettazzjoni tal-vettura tal-marka MX3 bin-numru tar-registrazzjoni LAI 736 filwaqt li l-imputat Charles Sciberras wahdu jinsab akkuzat li rrenda ruhu komplici tas-serq tal-imsemmija vettura kif ukoll ta’ ricettazzjoni tal-istess vettura. L-imputat Charles Sciberras wahdu jinsab ukoll akkuzat li saq l-imsemmija zewg vetturi waqt li l-licenzja tas-sewqan tieghu kienet sospiza u li ghalhekk ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni li tkopri lil terzi persuni.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi ta’ serq fil-konfronti tal-imputat Frankie Pace in kwantu jirrigwarda z-zewg vetturi bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 602 u LAI 736 rispettivament jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni kemm il-ghaliex kif diga’ inghad aktar il-fuq l-istess Frankie Pace ammetta r-responsabilita tieghu in kwantu jirrigwarda dawn iz-zewg serqiet u anki ghaliex ix-xhieda Emanuel Ciantar u George Debono it-tnejn identifikaw lill-imputat Frankie Pace u kkonfermaw li huma kienu xtraw l-imsemmija zewg vetturi minghandu u li kienu jafu li dawn iz-zewg vetturi kienu misruqin.  Huwa evidenti li l-akkuzi ta’ ricettazzjoni in kwantu jirrigwarda dawn iz-zewg vetturi

inghataw fil-konfronti tal-imputat Frankie Pace bhala alternattiva ghall-akkuzi ta' serq u una volta li l-imputat Frankie Pace ser jinstab hati tas-serq il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi ta' ricettazzjoni moghtija fil-konfronti tieghu. In kwantu jirrigwarda l-akkuza ta' recidiva moghtija fil-konfronti ta' Frankie Pace il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza tal-istess Frankie Pace u tirrileva li ma ngabitx id-debita prova tar-recidiva stante li la gew esebiti s-sentenzi relattivi u l-anqas saret il-prova tal-identita' L-imputat Frankie Pace sejjer ghalhekk jigi liberat mill-akkuza ta' recidiva migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza tal-imputat Charles Sciberras fis-sens illi dak li qal Frankie Pace fl-istqarrija tieghu fil-konfronti tal-imputat Charles Sciberras mhux ammisibblli bhala prova sabiex tinstab htija fil-konfronti tieghu (ta' Sciberras) u dan stante li huma ko-akkuzati fil-proceduri odjerni. Il-Qorti jidrilha li una volta li dak li qal Frankie Pace ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni ma jistghax jitqies li gie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat Charles Sciberras kien responsabbli ghas-serq tal-Escort jew li kien komplici fis-serq tal-MX3 u dan stante li ma ngabet ebda prova diretta f'dan is-sens oltre dak li qal Frankie Pace fl-istqarrija tieghu. Il-Qorti izda jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat Charles Sciberras huwa hati ta' ricettazzjoni in kwantu jirrigwarda dawn iz-zewg vetturi u dan ghaliex kemm George Debono kif ukoll Emanuel Ciantar it-tnejn identifikaw lill-imputat Charles Sciberras bhala wiehed mill-persuni li mar sabiex ibieghhom dawn iz-zewg vetturi misruqa u Emanuel Ciantar jispecifika lli huwa ghadda flus direttament lil Charles Sciberras bhala l-prezz ta' wahda minn dawn il-vetturi. Rigward l-akkuza ta' recidiva gew esebiti diversi sentenzi f'dawn il-proceduri li jindikaw li fil-fatt l-imputat Sciberras huwa recidiv. In kwantu jirrigwarda l-akkuza li l-imputat Charles Sciberras saq iz-zewg vetturi in kwistjoni minghajr licenzja u minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni fil-konfronti ta' terzi. Il-Qorti jidrilha lli l-

anqas din l-akkuza ma giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi u dan ghaliex l-unika prova li tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti fir-rigward kienet ix-xhieda ta' George Debono li b'mod ambigwu qal li l-imputat Sciberras kien saq wahda mill-vetturi li inxtrat minghand iz-zewg imputati minghajr izda ma indika liema vettura u l-anqas meta dan sehh. L-imputat Charles Sciberras qieghed ghalhekk jigi liberat minn din l-akkuza.

Ghal finijiet ta' piena in kwantu jirrigwarda z-zewg imputati l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li ntqal mill-Probation Officer fis-Social Inquiry Report fejn fir-rigward tal-imputat Frankie Pace giet rakkomandata piena karcerarja effettiva u fir-rigward tal-imputat Charles Sciberras intqal li ghalkemm huwa kien ittermina programm residenzjali sabiex jeghleb il-problema mill-abbuz tad-droga huwa kien rega' rrizulta posittiv ghad-droga meta sarlu urine test mill-Probation Officer u inoltre huwa rrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu lill-istess probation officer sabiex hija tikkonsulta mat-tabib li qed isegwih. Il-Qorti jidrilha li tenut kont tal-fatt li z-zewg imputati huma recidivi u tenut kont li l-imputat Charles Sciberras jidher li ghadu ma gharafx jaqbad it-triq it-tajba darba ghal dejjem sabiex jeghleb il-vizju tal-abbuz mid-droga m'ghandhiex alternattiva ohra hlief dik li timponi piena karcerarja effettiva. Fil-konfronti tal-imputat Frankie Pace il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li huwa kkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-4 ta' April tas-sena 2002, b'mod partikolari l-Artikoli 17, 18, 261(b), (c), (g), 263, 264, 265, 266, 267, 271, 278, 279(b), 280, 281, 31 u 20 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Frankie Pace hati tal-akkuzi mmarkati bhala tnejn u erba' u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija. Stante li l-akkuzi mmarkati bhala tlieta u hamsa inghataw bhala alternattiva ghall-akkuzi ta' serq li taghhom l-imputat qed jinstab hati il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-akkuzi fil-konfrornti tal-imputat Frankie Pace. Il-Qorti inoltre tiddikjara lill-imputat Frankie Pace mhux hati tal-akkuza mmarkata bhala numru 9 u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

Wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-4 ta' April tas-sena 2002 u b'mod partikolari l-Artikoli, 17, 18, 49, 50, 334, 279(b), 31 u 20 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat Charles Sciberras hati tal-akkuzi mmarkati bhala numru tlieta, seba' u disa' u tikkundannah sentejn (2) prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Charles Sciberras mhux hati tal-akkuzi mmarkati bhala tnejn, sitta u tmienja u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba ihallsu lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs kull wiehed l-ekwivalenti f'Ewro tas-somma ta' Lm263.50 liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------